MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 5/2012

**John u Salvina konjugi PACE**
**[ID. No. 461G u 16062G rispettivament]**

**Vs**

**Brian AZZOPARDI**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fis-7 ta' Frar, 2012** u li permezz taghha talbu l-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' elf erba' mija hamsa u hamsin euro u wiehed u erbghin centezmi ta' euro [€1,455.41c] u dan wara li ppremettew hekk:

"Ghid inti konvenut ghaliex ma ghandekx tiġi kundannat thallas l-ammont ta' elf erba' mija u hamsa u hamsin ewro u wiehed u erbghin ewro ċenteżmi (€1,455.41) (liema ammont ma jinkludix it-taxxa tal-VAT) rappreżentanti hlas ta' appoġġ dovut minnek lir-rikorrenti wara li inti appoggjajt u ghamilt uzu mill-hitan proprjetà tar-rikorrenti formanti

parti mill-binja taghhom fi Triq il-Firilla, Ghajnsielem. Dan l-appogg u uzu sar minnek stess fil-kors tal-izvilupp tas-sit li llum huwa tieghek u li jiġi ezattament adjacenti ghall-proprjeta tar-rikorrenti fl-istess Triq il-Firilla, Ghajnsielem. L-ammont dovut gie stabbilit fil-kont mahrug mill-Perit Emanuel Vella (il-Perit tal-fiducja tieghek stess), liema kont qieghed jiġi hawn anness u markat bhala dokument A.

Bl-interessi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-ittra uffiċjali numru 756/2011 prezentata fl-ghaxra (10) ta' Novembru 2011 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez tal-prezenti proċedura inklużi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-4 ta' Gunju 2011 kif wkoll dawk ta' l-ittra uffiċjali numru 756/2011 datata 10 ta' Novembru 2011 (kopja annessa bhala dokument B) u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa inti ingunt".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fis-27 ta' Frar, 2012 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"Illi t-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jiġu michuda minhabba s-segwenti raġunijiet:

1. Illi ma hu dovut l-ebda hlas lill-atturi da parti tal-konvenuti bhala hlas ta' appoġġ u uzu kif qieghed jiġi allegat mill-atturi;

2. Illi x-xoghol sar fil-proprjeta tal-konvenuti u dan hekk kif kien miftiehem precedentement;

3. Illi r-relazzjoni bejn il-partijiet ġiet transunta skond skrittura in atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani tat-12 ta' Novembru, 1995, liema skrittura qed tiġi hawn annessa bhala Dok. A;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri".

Ra **l-kontro-talba mressqa mill-intimat** fil-konfront tar-rikorrenti fejn stqarr hekk:

"Ghidu intom atturi ghax m'ghandkomx thallsu l-ammont ta' elf, hames mija u tmien euro u sitta u sebghin ċenteżmu (€1508.76c) minbarra it-taxxa fuq il-valur miżjud rappresentanti spejjez żejda inkorsi minn Azzopardi meta gie biex jiżviluppa l-plot tieghu b'konsegwenza tal-qtugh tal-blat li qata Pace, u dan skond skrittura in atti tan-Nutar Paul George Pisani tat-12 ta' Novembru, 1995, hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A, liema ammont gie stabbilit mill-Perit Emanuel Vella, liema kunteggi jinsabu hawn annessi u mmarkati bhala Dok. B.

Bl-interessi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mill-10 ta' Gunju, 2011 sal-pagament effettiv u bl-ispejjez tal-prezenti kontra l-konvenuti Pace li minn issa huma ngunti in subizzjoni".

Ra **r-risposta tar-rikorrenti ghal-kontro-talba** tal-intimat minnhom mressqa fit-8 ta' Marzu, 2012 u li permezz taghha huma rrispondew hekk:

"Illi fl-ewwel lok it-talba ghall-hlas ta' xi ammont hija intempestiva stante li qatt ma kien hemm intimazzjoni uffiċjali min-naha tal-konvenut rikonvenjent ghal xi hlas ta' xi ammont mill-atturi rikonvenuti. Tali pretensjoni qed titressaq biss ghaliex l-atturi rikonvenuti pprocedew sabiex jithallsu tal-appoġġ dovut lilhom wara li l-konvenut rikonvenjent żviluppa l-proprjeta tieghu;

Illi minghajr preġudizzju ghall-premess it-talbiet tal-konvenut rikonvenjent fil-kontro-talba tieghu huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt. L-ammont reklamat huwa spejjez ta' xogholijiet li l-konvenut rikonvenjent ghazel li jaghmel huwa stess a benefiċċju tieghu fi proprjetà tieghu stess u mhux ghax tali xogholijiet kienu rikjesti minhabba xogholijiet li ghamlu l-atturi fil-proprjeta taghhom. Per konsegwenza l-atturi rikonvenuti mhumiex intitolati li huma jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez ta' xogholijiet

li l-konvenut rikonvenjent ghazel li jaghmel fil-proprjeta tieghu u tali spejjez ghandhom jibqghu a karigu tal-istess konvenut.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt".

Ra d-digriet datat 27 ta' Frar, 2012 fejn il-Gudikatur Dottor Kevin Mompalao astjena milli jisma dan il-kaz u dan minhabba raġunijiet validi fil-ligi.

Ra l-verbal datat 23 ta' April, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda u t-trattazzjoni;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu minghand l-intimat il-hlas tas-somma ta' elf erba' mija u hamsa u hamsin ewro u wiehed u erbghin ewro ċenteżmi [€1,455.41c], liema ammont jirrappreżenta il-hlas ta' appoġġ dovut minnu wara li l-intimat appogga u ghamel uzu mill-hitan proprjetà tar-rikorrenti formanti parti mill-binja taghhom fi Triq il-Firilla, Ghajnsielem. L-intimat da parti tieghu qal li l-ebda hlas ma huwa dovut lir-rikorrenti bhala hlas ta' appoġġ u uzu u dan peress li x-xoghol sar fil-proprjeta tal-intimat u dan hekk kif kien miftiehem permezz ta' skrittura datata 12 ta' Novembru, 1995 transunta fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani.

2. L-intimat imbaghad ghadda biex ressaq kontro-talba fejn talab lir-rikorrenti l-hlas tas-somma ta' elf, hames mija u tmien euro u sitta u sebghin ċenteżmu [€1,508.76c], liema ammont jirrappreżenta spejjez żejda inkorsi minnu meta gie biex jiżviluppa l-plot tieghu b'konsegwenza tal-qtugh tal-blat li kienu qatghu r-rikorrenti u dan skond skrittura datata 12 ta' Novembru, 1995 transunta fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani. Ir-rikorrenti da parti taghhom qalu li huma qatt ma gew intimati dan l-ammont u ghalhekk it-talba ghal hlas hija intempestiva. Oltre dan,

ir-rikorrenti stqarrew li t-talba ghal hlas qed titressaq issa mill-intimat ghaliex huma ghamlu kawża kontrihom fejn talbu l-hlas ta' l-appogg dovut lilhom wara li l-intimat żviluppa l-proprjeta tieghu. Ziedu jghidu l-istess rikorrenti li l-ammont reklamat huwa spejjez ta' xogholijiet li l-intimat ghazel li jaghmel huwa stess a benefiċċju tieghu fi proprjetà tieghu stess u mhux ghax tali xogholijiet kienu rikjesti minhabba xogholijiet li ghamlu r-rikorrenti fil-proprjeta taghhom.

3. Mix-xhieda u dokumentazzjoni prodotta f'dawn il-proceduri rrizulta s-segwenti:

i. **Ir-rikorrenti John Pace**, xehed fis-seduta tal-21 ta' Gunju, 2012. Huwa beda biex qal li kien ghamel xoghol ta' kostruzzjoni fi Triq il-Firilla, Ghajnsielem, liema kostruzzjoni kienet tinkludi l-bini ta' blokk ta' apartamenti u garaxx *semi-basement*. Huwa qal li meta beda jizviluppa l-art tieghu, dik ta' l-intimat, li tmiss mieghu ukoll kienet ghada mhux zviluppata. Qal illi "*... meta jien gejt biex inqattgha l-blat fil-proprjeta tieghi kont kellimt lill-genituri tal-konvenut illi nqattgha fil-blokk taghhom ukoll il-wisa ta' hajt bl-intendiment li jien imbghat intellgha hajt biex il-blat ma jkunx mikxuf. U dan minhabba l-fatt li jekk jigu biex ma jizviluppawx il-plot taghhom fis-sens li ma jhaffrux basement allura jkollhom fuq x'hiex iserhu*" (fol. 33). Ghar-rigward ta' l-oghli li r-rikorrenti tella dan il-hajt, huwa jghid li kien hemm postijiet fejn huwa tella tmien filati. Jghid ukoll li l-wicc tal-blat kien f'xi partijiet madwar zewg filati taht il-livell tat-triq u f'partijiet ohra madwar erba' filati taht il-livell tat-triq. Huwa qal ukoll li l-Perit Emmanuel Vella (il-Perit ta' l-intimat) kien hareg kont, liema kont huwa esebit a fol. 4 tal-process, u r-rikorrenti kien qabel mieghu. Mistoqsi meta sar l-izvilupp fil-proprjeta tieghu, r-rikorrenti jghid li dan kien ghal nofs is-sena 1995. Sussegwentement, ikompli jghid ir-rikorrenti, huwa kien ghadda mill-inhawi fejn hemm il-proprjeta tieghu u "*... rajt li kienet giet zviluppati l-art li kienet ta' Azzopardi u li l-hajt li kont tellajt jien fil-proprjeta taghhom kien fil-fatt intuza ghaliex inbena l-bini fuqha. Anzi nghid li kien sar basement bhal ma kont ghamilt jien stess*" (fol. 33-34). Mistoqsi kemm kien ghadda zmien bejn meta ra dan l-

izvilupp u meta rcieva l-kont mahrug mill-Perit Emmanuel Vella, r-rikorrenti jghid li l-izvilupp kien sehh madwar sitt xhur jew sena qabel. Meta ra li l-art ta' l-intimat kienet giet zviluppata, huwa kien cempel lill-omm l-intimat biex jistaqsiha dwar il-hlas ghal hajt li huma kienu uzaw. Kien wara din il-konversazzjoni li l-Perit Vella hareg il-kont tieghu (fol. 4). Sussegwentement, ir-rikorrenti kien inghata "*kont iehor li kien ghal qtugh tal-blat tal-plot ta' Azzopardi stess ghax bdew jghidu li kellhom iqattghu sa dak il-fond minhabba l-fatt li jien kont ghamilt ix-xoghol jien u kont diga qattajt il-blat jien stess, u sa kemm isservini l-memorja mill-kont li kien hareg il-perit Emanuel Vella kien dovut biss, kellu jsir tpacija bl-ammont ta' madwar erba' mitt ewro (€400)*" (fol. 34).

Ir-rikorrenti ghadda biex esebixxa l-kont tat-tqattiegh tal-blat, liema kont gie mmarkat bhala dok. JP 1 (fol. 36). Dan il-kont kien ghal ammont ta' elf u sitta u disghin euro u erbghin centezmi ta' euro (€1,096.40c). Izid ighid ir-rikorrenti li l-intimat beda javvanza din it-talba tieghu meta huwa kien talab il-hlas ta' l-appogg.

B'referenza ghall-iskrittura li hemm esebita a fol. 13 tal-process u li ggib id-data 17 ta' Novembru, 1995 in atti Nutar Paul George Pisani, r-rikorrenti qal li huwa kien intrabat li jtellgha l-hajt mertu ta' din il-kawza, liema obbligu huwa wettqu mall-ewwel.

In kontro-ezami, huwa gie mistoqsi x'kien l-istat originali ta' l-ghelieqi u cioe l-proprjeta tieghu u dik ta' l-intimat. Huwa qal li bhala hamrija kien hemm ftit fil-wicc u taht il-hamrija kien hemm il-blat. Qal ukoll li huwa konsapevoli tal-fatt li meta tqattgha l-blat suppost li nzammet id-distanza li tohrog mill-ligi izda kien hemm ftehim mal-genituri tal-konvenut li huwa seta' jqatta fil-plot taghhom.

Mistoqsi kemm dahal bhala wisa' fil-plot ta' l-intimat, ir-rikorrenti stqarr li "*... dhalna zgur id-distanza jew il-wisa ta' disa' pulzieri u apparti minn hekk f'certu postijiet kien hemm distanza ta' erba' jew hames pulzieri ohra u dan ghaliex il-kuntrattur meta kien qed iqattgha jiehu hsieb li*

*jhalli bizzejjed spazju biex il-bennej jkun jista imbaghad jerggha jtellgha u jahdem*" (fol. 34).

Mistoqsi jekk l-intendiment bejn il-partijiet kienx li meta l-intimat jigi biex jizviluppa l-plot tieghu setax jaghmel uzu minn dak il-hajt li kellhu jtellgha r-rikorrenti, huwa wiegeb fl-affermattiv. Fil-fatt, ikompli jghid ir-rikorrenti, hekk gara u l-intimat bena u uza l-hajt li kien diga ghamel l-istess rikorrenti.

Ir-rikorrenti qal li "*... t-talba tieghi hi limitata ghal dak il-hajt li jien kont bnejt mil-livell tal-blat l-isfel. X'sar minn dak il-livell 'l fuq minn Azzopardi jien ma jinteressaniex*" (fol. 34).

Mistoqsi x'riedu jfissru l-partijiet ghall-paragrafu numru tlieta (3) tal-ftehim milhuq fejn jinghad li huwa kellu jkun responsabbli ghal kwalunkwe spejjez zejda li kien kostrett li jaghmel l-intimat, ir-rikorrenti qal li b'dan il-paragrafu, huma riedu jfissru li f'kaz li huwa ma jibniex il-hajt li kien marbut li jibni, u b'hekk ikollu jibnih l-intimat, allura huwa (u cioe r-rikorrenti) kellhu jirrifondih ghall-ispejjez tieghu. B'hekk, jkompli jghid ir-rikorrenti, "*jekk jien nonqos milli naghmel dak li obbligajt ruhi li naghmel fil-paragrafu wiehed u tnejn allura setgha jaghmilhom Azzopardi ghall-ispejjez tieghi, fis-sens li imbaghad ikollu d-dritt li jirkoprahom minn ghandi*" (fol. 35).

ii. **Il-Perit Teddie Busuttil xehed permezz tal-procedura ta' l-affidavit.** Il-Perit Busuttil beda biex qal li huwa kien il-Perit inkarigat mill-binja tar-rikorrenti, liema zvilupp kien jikkonsisti fil-kostruzzjoni ta' blokka ta' appartamenti u garaxxijiet fuq porzjon art li r-rikorrenti kellu fi Triq il-Firilla, Ghajnsielem. Qal ukoll li sa fejn jiftakar hu, ir-rikorrenti kien "*... qatta l-blat tieghu u anke parti mill-blat fil-fond adjacenti*" (fol. 42). Kompla jghid li r-rikorrenti fassal il-pedamenti u bena hajt dobblu. Hajt minnhom kien fi proprjeta tar-rikorrenti filwaqt li l-hajt l-iehor kien fil-proprjeta ta' terzi. Dan kien sar, jkompli jghid il-Perit Busuttil, biex jekk ta' magembu ma kienx sejjer iqatta l-blat, dan kien isib il-hajt mibni bil-lest.

Snin wara li kien tlesta l-izvilupp, ir-rikorrenti kien rega' mar ikellem lill-Perit u spjegalu li l-intimat ma riedx ihallas l-ammont shih dovut lilu ghall-appogg li kien ipprattika l-intimat u dan peress li l-istess intimat kien qieghed jargumenta li bil-mod kif kien bena r-rikorrenti, huwa (u cioe l-intimat) kellu jinzel 'l isfel madwar tlett filati biex jikxef il-qatran li kien ghamel l-istess rikorrenti.

Il-Perit Busuttil spjega li "*mil-lat tekniku nispjega li fic-cirkostanzi kien hemm soluzzjonijiet ohra jekk Azzopardi ma riedx jinzel fil-livell ta' John Pace. Azzopardi seta' kellem lil Pace biex jekk ma kienx tajjeb ghalih il-livell tal-qatran tinstab soluzzjoni ghalih f'dak il-mument. Is-soluzzjoni kienet tkun li Pace jnehhi l-hajt kollu sal-livelli li xtaq izomm Azzopardi. Azzopardi mbaghad kien ikompli bil-bini minn dak il-livell li xtaq hu minghajr ma kien ikun necessarju li jsir xi tqattigh tal-blat jew thamil ulterjuri. Din kienet tkun soluzzjoni aktar semplici u ekonomika minn dik li effettivament ghamel Azzopardi*" (fol. 42).

L-istess Perit qal ukoll li "*soluzzjoni teknika ohra biex jigi evitat li jsir xi tqattigh jew tahmil ulterjuri kienet li jsir gandott, titwahhal membrane u jinghata s-siment bejn il-hajt u l-blat u jerga jsir qatran iehor. Dan ix-xoghol kien ikun irid isir minn Pace stess. Din wkoll kienet issolvi l-problema tal-qatran li jkun sar f'livell aktar baxx. Pace seta facilment tqabbad biex isir dan ix-xoghol, liema xoghol kien jigi hafna irhas mit-tqattigh tal-blat kollu*" (fol. 43).

Il-Perit Busuttil ikkonkludi li galadarba l-intimat qabad u qatta' l-blat u nizel l-isfel iktar biex jikxef il-qatran minghajr ma kellem lir-rikorrenti, huwa effettivament ried jaghmel uzu mill-hajt kif kien bnih ir-rikorrenti. "*Ghalhekk Pace huwa intitolat ghall-hlas tal-appogg fl-intier tieghu*" (fol. 43).

Il-kontro-ezami tal-Perit Busuttil sar fis-seduta tat-8 ta' Jannar, 2013. Huwa qal li kien ha hsieb l-izvilupp mill-bidu nett u cioe mill-applikazzjoni li saret ma' l-Awtorita koncernata u kien anke mar fis-sit in kwistjoni qabel ma bdew ix-xogholijiet. Qal ukoll li huwa ma kienx involut fin-negozjati li kienu saru bejn il-partijiet dwar il-linja divizorja

ta' bejn il-plottijiet. Il-qatran, ighid il-Perit, sar kemm fil-proprjeta tar-rikorrenti kif ukoll fil-proprjeta ta' l-intimat u dan il-qatran sar fl-istess livell, kemm fuq naha u kemm fuq naha ohra.

Ghar-rigward tal-hlas ta' l-appogg li r-rikorrenti qieghed jitlob minghand l-intimat, il-Perit Busuttil qal li "... *jien fhimt li qed jitlob ghal dawk il-filati kollha li ttellghu fil-proprjeta ta' Azzopardi sal-livell tal-blat* " (fol. 59). Reggha pero ikkonferma li huwa ma jaf xejn dwar x'kien il-ftehim li kien sar bejn il-kontendenti.

iii. **Fis-seduta tas-27 ta' Novembru, 2012 xehdet Eucharistica Azzopardi**. Hija tghid li hi u zewgha kellhom l-proprjeta li tinsab biswit ir-rikorrenti u li "*...darba fost l-ohrajn kien gie l-attur u qalilna li kellu l-hsieb li jizviluppa l-proprjeta tieghu u ghalhekk talabna l-permess biex jidhol gol-proprjeta taghna*" (fol. 45). Ix-xhud qalet li r-rikorrenti ried iqatta' parti mill-blat li kien hemm fil-proprjeta taghhom. Qalet li marru jkellmu lill-Perit Emmanuel Vella u dan qalilhom li ma kellhomx ghalfejn joggezzjonaw ghal dan it-tqattiegh b'dan illi r-rikorrenti kellu jtella hajt sal-wicc tat-triq. Fil-fatt il-Perit Vella kien hejja skrittura, liema skrittura imbaghad kienu haduha ghand in-Nutar fejn giet iffirmata minnha u zewgha u mir-rikorrenti u martu. Dan il-kuntratt li ffirmaw ghand in-Nutar huwa id-dokument li hemm esebit a fol. 13 tal-process. Tkompli tghid li "*... sakemm gie sabiex jizviluppa l-art it-tifel tieghi, il-konvenut f'din il-kawza, kienu inbidlu l-ligijiet tal-MEPA u fil-fatt l-attur kien nizghel aktar fil-fond meta qattgha l-blat milli setgha jinzel it-tifel tieghi*" (fol. 45). Ix-xhud tghid li l-linja divizorja giet rispettata mill-partijiet u dan peress li r-rikorrenti telgha hajt fuq in-naha tieghu u cioe mil-linja divizorja sa fejn il-proprjeta tieghu u huma tellghu qoxra mil-linja divizorja lejn il-proprjeta taghhom. Ghalhekk, tkompli tghid ix-xhud, ma kien hemm l-ebda htiega ta' appogg mal-proprjeta tar-rikorrenti ghax huma tellghu qoxra l-gholi kollu tal-bini. Hija tkompli tghid li meta binha u cioe l-intimat beda jhammel l-art taghhom, kien cemplilha r-rikorrenti u kien staqsieha x'kien qieghed jigri fil-proprjeta taghhom. Hi qaltlu li hi u zewgha kienu taw din l-art lill-binhom l-intimat.

In kontro-ezami tghid li huma ndunaw bil-problema li kien hemm fil-mod kif zviluppa l-proprjeta r-rikorrenti meta binha l-intimat beda jqatta' l-blat. Mistoqsija jekk hi qattx kellmet lir-rikorrenti dwar din il-problema, x-xhud wiegbet fin-negattiv. Qalet ukoll li "*Ahna kellna parir minghand il-parir* [recte: perit] *li dawk is-sitt filati li bena l-attur nuzawhom biex nappogjaw fuqhom u allura bhala stat ta' fatt iva nikkonferma li dawk is-sitt filati intuzaw*" (fol. 46). Ziedet tghid li "*... meta inhadmu l-kontijiet mill-perit Vella kien dovut bilanc favur lill-attur ta' madwar €400. Naf li ahna dan l-ammont konna hallejnih ghand il-perit biex l-attur jigborhom minghandu*" (fol. 46). Dan il-kont pero kien tlesta qabel ma kienu tlestew ix-xogholijiet kollha u fil-fatt kien ghad jonqos li ssir ir-rampa u timtela' hofra.

iv. **L-intimat Brian Azzopardi** xehed fis-seduta tas-27 ta' Novembru, 2012. Beda biex qal li huwa kellu ghaxar (10) snin meta kien gie ffirmat il-kuntratt bejn il-genituri tieghu u r-rikorrenti. Meta gie biex jizviluppa l-art, l-intimat qal li skont il-permess kellu jaghmel garaxx fil-livell ta' *semi basement* u cioe' bi tlett filati 'l fuq mit-triq u sitta allura taht il-livell tat-triq. Madanakollu, jkompli jghid l-intimat, meta beda ix-xoghol ta' skavar sab li kellu jinżel ghaxar filati taht it-triq u dan minhabba l-fatt li l-qatran kien f'dak il-livell. Dak il-qatran, ighid l-intimat, kien sar meta sar l-izvilupp mir-rikorrenti. Fil-fatt, illum il-garaxx tieghu fih tlettax-il filati. Minhabba dan il-fatt, l-intimat kellhu jinkorri fi spejjez addizzjonali fosthom dawk ghat-thammil ta' tlett filati aktar minn dak li kien ippjanat. Ukoll, ir-rampa tal-garaxx kellha tigi itwal u dan minhabba l-fond li kien jinsab fih dan il-garaxx. Din ir-rampa kellha titkisser u ssir mill-gdid tlett darbiet u dan minhabba l-fatt li l-qiegh tal-karozza ta' l-intimat kien qed jahbat maghha. Fil-parti ta' wara tal-fond, huwa kellu jżomm distanza ta' zewg piedi u nofs minn mal-proprjeta' tal-gar, kif ukoll kien hemm hofra ta' madwar tlett piedi li kellha timtelgha bis-siment.

L-intimat qal ukoll li minn taht it-triq il-fuq, il-hajt divizorju hu mibni ghal kollox fil-proprjeta' tieghu. Meta imbaghad sar l-izvilupp ir-rikorrenti talbu l-hlas talli appogja fuq il-hajt li kien bena hu mil-livell tat-triq 'l isfel u cioe' ta' sitt filati.

L-intimat qal li huwa kien ha l-iskrittura li saret mill-ġenituri tiegħu għand l-avukat tiegħu għaliex hu ma kienx jaf xi ftehmu dak iż-żmien u hu ġibidlu l-attenzjoni li skont din l-istess  skrittura l-ebda' ammont ma' kien dovut.

Eventwalment il-perit ħareġ il-kontijiet dwar ix-xogħol li kien sar fil-proprjeta' tiegħu u dak il-kont relattiv għax-xogħol li kien sar fil-proprjeta' tar-rikorrenti. Ikompli jgħid l-intimat li kien hemm differenza a favur ir-rikorrenti ta' xi tlett mija u sebgħin ewro (€370) u huwa kien ħalla dan l-ammont mal-perit sabiex jitħallas l-istess rikorrenti.

Meta ġie mistoqsi dwar l-ewwel darba li r-rikorrenti talbu l-ħlas, l-intimat qal li r-rikorrenti kien talbu l-ħlas ta' l-appoġġ meta huwa beda jħammel. Huwa qal li ma kienx ikkorrisponda mar-rikorrenti u dan peress li huwa kien biħsiebu jagħmel kawża għall-ispejjeż li kien nefaq, però kien leħaq ippreżenta l-kawża odjerna r-rikorrenti u għalhekk irrisponda għaliha.

In kontro-eżami, l-intimat qal li l-iskrittura li tinsab a fol. 13 tal-process saret mill-Perit Emanuel Vella li kien l-istess perit li ħa ħsieb l-iżvilupp fis-sit proprjeta' tiegħu. Mistoqsi jekk avviċinax lir-rikorrenti meta sab li kellu jinżel aktar fil-fond minn dak li kien ippjanat, l-intimat wieġeb fin-negattiv. Huwa qal li qagħd fuq il-parir tal-perit tiegħi li kien applikalu għal permess u hu kellu jiggwidah fuq ix-xogħol li kellu jsir. L-intimat qabel li dawn it-tlett filati li semma jiffurmaw parti mill-proprjeta' tiegħu, madanakollu, jgħid l-istess intimat dawn huma għalxejn għax il-faċċata fiha għaxar filati skont il-permess tal-MEPA, filwaqt li l-garaxx fih għoli ta' tlettax-il filata sas-saqaf.

Dwar il-ħofra li qegħdha fuq il-parti ta' wara tal-proprjeta tiegħu, l-intimat qal li huwa kellu jżomm id-distanza taż-żewġ piedi u nofs u għalhekk din il-ħofra trid timtelgħa, għalkemm il-ġarr sa issa għadu qatt ma qallu biex jimla din il-ħofra.

L-intimat qabel ma dak suġġerit lilu li l-binja tiegħu kompliet tinbena fuq il-ħajt li bena r-rikorrenti u li l-

pedament fil-proprjeta' tieghu kienu lesti ghax kien bnihom ir-rikorrenti, però minkejja dan, dawn ma sarux fejn ridhom l-intimat.

L-intimat gie muri d-dokument li jinsab a fol 36 tal-atti u huwa kkonferma li dan huwa l-ewwel kont li hareg il-perit relattiv ghall-ispejjez li ghamel l-istess intimat fil-proprjeta tieghu. Qal ukoll li l-ammont li kien hallas mal-perit tieghu kien jipprezenta d-differenza bejn il-kont tar-rikorrenti u dan il-kont. Madanakollu, jkompli jghid l-intimat, minhabba li huwa ghamel aktar spejjes fir-rampa dan l-ammont ma kienx ghadu dovut lir-rikorrenti. Fil-fatt, l-ispejjez fir-rampa kellu jaghmilhom wara li kien sar il-kont tal-perit u dan peress li huwa ma kienx ghadu dahhal l-karozzi sa dak-in-nhar. Fil-fatt, kif kienet saret ir-rampa, l-karozza ma kienetx qeghda tidhol u kellu jkisser ir-rampa u jaghmilha mill-gdid.

v. Fit-8 ta' Jannar 2013 **xehed in-nutar Paul George Pisani**. Huwa kkonferma li d-dokument li hemm esebit a fol. 13 tal-process gie ppubblikat minnu fl-elf disgha mija hamsa u disghin (1995). Ma da nil-kuntratt gie anness rapport imhejji mill-Perit Emanuel Vella.

vi. Fis-seduta tat-13 ta' Frar 2013 **xehed il-Perit Emanuel Vella**. Huwa qal li kien gie nkarigat mill-intimat biex japplika mal-awtoritajiet koncernati biex tigi zviluppata plot gewwa Ghajnsielem. Qal ukoll li l-plot li kien bena r-rikorrenti kienet diga tezisti qabel ma' l-intimat beda jibni, pero' qabel ma r-rikorrenti bdew jibnu, l-intimat kien mar ghandu biex jintlahaq ftehim mar-rikorrenti dwar kif ghandhom jinbnew il-hitan divizorji. Fil-fatt, ikompli jghid ix-xhud, huwa kien irrediga ftehim u kien qal lill-intimat sabiex jiehu l-ftehim ghand Nutar sabiex ikun jista jiġi ffirmat mill-partijiet fil-prersenza tan-Nutar.

B'referenza ghad-dokumenti li gew esebiti a fol. 15 u 16 tal-process, ix-xhud qal li d-dokument li hemm a fol 15 huwa l-ftehim li huwa kien ghamel u li ghadu kif xehed dwaru. Id-dokument li hemm a fol 16 jirrigwarda xoghol żejjed li ghamel l-intimat. Fuq dan id-dokument, ix-xhud kompla jispjega li l-qatran tar-rikorrenti kien madwar tlett

filati ‘l fuq mil-livel tal-blat tal-intimat. Il-kwistjoni kient dwar il-livell tal-garaxxijiet. Dan peress li l-garaxx tar-rikorrenti kien madwar disa’ filati ‘l isfel mil-livell tat-triq filwaqt li l-intimat ma riedx jinzel daqshekk u ried jinzel biss sitt filat pero’ sabiex ma jintradamx il-qatran l-intimat kellu jaghmel tlett filati qtugh ta’ blat zejda. Ghalhekk, jghid il-Perit Vella, dawn l-ispejjez li inkorra fihom l-intimat kienu żejda.

Ghar-rigward tad-dokument li hemm a fol 4 tal-process, il-Perit Vella qal li dan id-dokument jindika l-ispejjez li ghamel ir-rikorrenti biex bena il-hajt fil-proprjeta’ tal-intimat, liema ammont kellu jithallas mill-intimat lir-rikorrenti meta l-istess intimat jibni.

Meta nqratlu l-klawsola numru 2 tad-dokument datata sbatax (17) ta’ Novembru elf disgha mija hamsa u disghin (1995) a fol 15 tal-process li tghid: *“Pace ikun obbligat li jtellgha a spejjez tieghu hajt fil-proprjeta’ ta’ Azzopardi sal-livell tal-blat ta’ Plot 37 biex meta Azzopardi jigi biex jibni l-plot tieghu hu jkun jista’ jibni fuqu”* ix-xhud qal li meta giet redatta l-imsemmija skrittura l-intimat ma kienx ghadu cert jekk hux se jaghmel basement jew le. Li kieku l-intimat ma beniex basement allura hu ma kien se jhallas xejn. Gia la darba bena l-basement u l-intimat uza dan l-istess hajt allura huwa ghandu jhallas lir-rikorrenti tieghu. Minkejja li minn dan li ghadni kif ghidt ma hemm xejn miktub fil-ftehim li rredigejt jiena ghandi nghid li din hi l-prattika tax-xoghol taghna l-periti u li ssehh fl-industrija.

In kontro-ezami, l-Perit Vella gie mistoqsi ghalfejn ma sarx qatran tlett filati ‘l fuq minn fejn kien ghamel il-qatran ir-rikorrenti. Huwa wieġeb billi qal li biex taghmel il-qatran irid jinqala l-hajt u allura biex isir il-qatran kelhom jinqalghu sitt filati tul ta’ mija u ghaxar (110) piedi. Is-sengha u l-arti kienet titlob li jsir il-qatran. Mistoqsi jekk huwa kienx kellem lir-rikorrenti dwar din il-kwistjoni huwa wieġeb fin-negattiv. Jiftakar però li l-intimat kien staqsieh jekk il-hajt li kien bena r-rikorrenti kienx b’sahtu bizzejjed biex jiflah il-proprjeta’ tieghu, ghal liema mistoqsija al-intimat huwa wieġeb fl-affermattiv. Ix-xhud kompla jghid li l-hajt li ghadu kif xehed dwaru kien maghmul minn zewg hitan. Wiehed fil-proprjeta’ tar-rikorrenti u iehor fil-proprjeta’ ta’ l-intimat. Pero jkompli jghid ix-xhud kien

hemm soluzzjoni ohra u cioe' dik li ghidt li jinqalew is-sitt filati u li jsir il-qatran minflok ma jithamlu tlett filati zejda. X'kienet l-irhas alternattiva ix-xhud ma stabbiliex. Mistoqsi jekk l-intimat kienx qieghed jaghmel uzu shih mill-hajt li bena r-rikorrenti fil-proprjeta' tal-intimat, ix-xhud wieġeb fl-affermattiv.

Ix-xhud gie muri kont li gie rrilaxxat minnu fl-4 ta' April, 2011 (fol. 36) fl-ammont ta' elf sitta u disghin ewro u erbghin centezmu (€1,096.40) u qal li dan l-ammont ghamlu l-intimat u huwa relatat biss mat-thammil. Il-kont tal-10 ta' Gunju 2011 (fol. 16) fl-ammont ta' elf hames mija u tmien euro (€1,508) fih xoghol zejda li ghamel l-istess intimat relatat ma' dan it-thamil.

Ix-xhud reggha ikkonferma li d-dokument li hemm a fol 4 tal-process li hu datat 4 ta' April 2011 jirrigwarda xoghol maghmul mir-rikorrenti ghall-uzu ta' l-intimat fi Triq Firilla, Ghajnsielem, Ghawdex. Mistoqsi jekk kienx ikkunsidra li l-intimat jghid lir-rikorrenti sabiex inehhi dawk is-sitt filati halli jkun jista' jsir il-qatran, huwa wieġeb fin-negattiv. Qabel ukoll ma dak suggerit lilu li l-hajt li inbena fil-proprjeta' tal-intimat kien mibni sal-blat u dan skont il-ftehim.

In ri-ezami, l-Perit Vella qal li fil-process hemm tlett kontijiet. Safejn jiftakar hu, ghax-xoghol li ghamel ir-rikorrenti huwa kien hareg kont biex jithallas hu filwaqt li z-zewg kontijiet l-ohra kienu biex ikun jista' jithallas l-intimat. Ghalaq ix-xhieda tieghu billi qal li l-partijiet ippruvaw jaslu fi ftehim pero' ma qablux fuq l-ammonti li kellhom jithallsu minn wiehed lil iehor.

Ikkunsidra;

4. Illi skond l-iskrittura datat 17 ta' Novembru, 1995 (fol. 13) ir-rikorrenti u l-genituri ta' l-intimat odjern kienu iddikjaraw li:

i. Il-konjugi Azzopardi huma proprjetarji tal-plot numru 37 mill-art imsejha Ta' Kassja, fil-limiti ta' Ghajnsielem,

Ghawdex. Din il-proprjeta kienet tmiss mill-Punent ma beni tal-konjugi Pace;

ii. Il-konjugi Pace huma proprjetarji tal-plot numru 38 mill-art imsejha Ta' Kassja, fil-limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex. Din il-proprjeta kienet tmiss mill-Lvant ma' beni tal-konjugi Azzopardi.

iii. Peress li l-konjugi Pace (rikorrenti odjerni) kienu ser jiskavaw u sussegwentement jikkostruwixxu l-proprjeta taghhom, huma resqu biex jiffirmaw din l-istess skrittura mal-konjugi Azzopardi sabiex jevitaw litigji fil-futur u huma lkoll qablu u ftehmu li "*... l-iskavazzjoni u kostruzzjoni da parti tal-komparenti Pace ghandha tkun ai termini tar-relazzjoni peritali*" (fol. 14) annessa ma' l-att hawn fuq imsemmi.

5. Ir-relazzjoni peritali maghmula mill-Perit Emanuel Vella fis-17 ta' Novembru, 1995 (fol. 15) tghid hekk:

i. John Pace (ir-rikorrenti) se jqatta l-blat fi Plot 37, proprjetà ta' Carmel Azzopardi (missier l-intimat), sabiex ikun jista jibni l-hajt diviżorju. Dan ser jinbena kollu fil-proprjeta ta' Pace (ir-rikorrenti).

ii. Pace (ir-rikorrenti) ikun obbligat li jtella a spejjez tieghu, hajt fil-proprjeta ta' Azzopardi (il-genituri ta' l-intimati), sal-livell tal-blat ta' Plot 37, biex meta Azzopardi (il-genituri ta' l-intimat) jiġi biex jibni l-plot tieghu, hu jkun jista jibni fuqu.

iii. Barra minn dan, Pace (ir-rikorrenti) jibqa responsabbli ghal kwalunkwe spejjez żejda li jkun kostrett li jaghmel Azzopardi (il-genituri ta' l-intimat), meta jiġi biex jiżviluppa l-plot tieghu, konsegwenza tal-qtugh tal-blat li jkun qata' Pace (ir-rikorrenti).

6. Ma jidhirx li huwa kkontestat mir-rikorrenti li l-art li fuqha bena l-intimat hija llum il-gurnata tieghu. Dan qed jinghad l-ghaliex l-iskrittura datata 17 ta' Novembru, 1995 giet iffirmata mill-genituri ta' l-intimat (li dak iz-zmien kellu madwar ghaxar snin skond ma xehed hu). Fix-xhieda taghha, Eucharistica Azzopardi qalet li meta kien

ċemplilha r-rikorrenti biex jara x'kien qiegħed jiġri fl-art, hija qaltlu li "*dik kont tajtha lit-tifel biex jizviluppaha*" (fol. 45).

7. F'kull kaz, minn qari ta' l-atti processwali jirrizulta li r-rikorrenti kienu bnew il-proprjeta taghhom ferma qabel ma bena tieghu l-intimat. Ix-xogholijiet li kienu obbligaw rwiehom li jaghmlu r-rikorrenti ghamluhom u li l-problemi inqalghu meta l-intimat gie biex jiżviluppa l-proprjeta tieghu. Ir-rikorrenti jishaq li t-talba tieghu ghal hlas ta' l-appogg da parti ta' l-intimat "*... hi limitata ghal dak il-hajt li jien kont bnejt mil-livell tal-blat l-isfel*" (fol. 34). Issostni li "*x'sar minn dak il-livell 'l fuq minn Azzopardi jien ma jinteressaniex*" (fol. 34). Dan huwa kkonfermat mill-Perit Teddie Busuttil (il-Perit tar-rikorrenti) meta jghid li "*... jien fhimt li qed jitlob ghal dawk il-filati kollha li ttellghu fil-proprjeta ta' Azzopardi sal-livell tal-blat*" (fol. 59). Din it-talba huwa kien qieghed jaghmilha l-ghaliex meta kien ghaddej minn Ghajnsielem, huwa ra "*... li kienet ġiet żviluppata l-art li kienet ta' Azzopardi u li l-hajt li kont tellajt jien fil-proprjeta taghhom kien fil-fatt intuża ghaliex inbena l-bini fuqha. Anzi nghid li kien sar basement bhal ma kont ghamilt jien stess*" (fol. 33-34). Huwa fil-fatt kien mar ghand il-Perit Vella u dan fl-4 ta' April, 2011 hareg kont ghal "*xoghol maghmul minn John Pace ghall-uzu ta' Brian Azzopardi fi Triq Firilla, Ghansielem, Ghawdex*" (fol. 4) fl-ammont ta' €1,455.41. L-intimat kien qabel li huwa jhallas dan l-ammont, basta li minn dan l-ammont jitnaqqas l-ammont li huwa nefaq fi spejjez żejda minhabba l-qtugh tal-blat li huwa kellhu jaghmel kif ukoll xi spejjez ohra[1]. Dawn l-qtugh tal-blat u spejjez żejda li l-intimat ighid li kellhu jaghmel minhabba x-xoghol li kien wettaq ir-

[1] Ara xhieda ta' Eucharistica Azzopardi (omm l-intimat) meta qalet li "*Ahna kellna parir minghand il-parir* [recte: perit] *li dawk is-sitt filati li bena l-attur nuzawhom biex nappogjaw fuqhom u allura bhala stat ta' fatt iva nikkonferma li dawk is-sitt filati intuzaw*" (fol. 46). Ziedet tghid li "*... meta inhadmu l-kontijiet mill-perit Vella kien dovut bilanc favur lill-attur ta' madwar €400. Naf li ahna dan l-ammont konna hallejnih ghand il-perit biex l-attur jigborhom minghandu*" (fol. 46) u x-xhieda ta' l-intimat meta qal li "*... eventwalment il-perit hareg il-kontijiet dwar ix-xoghol li kien sar fil-proprjeta tieghi u dak il-kont relattiv ghax-xoghol li kien sar fil-proprjeta ta' l-attur. Kien hemm differenza a favur l-attur ta' xi tlett mija u sebghin euro (€370) u jien kont hallejt dan l-ammont mal-perit sabiex jithallas lill-attur...*" (fol. 48) u x-xhieda tal-Perit Emanuel Vella meta qal li "*Qed nigi muri dokument li hemm a fol 4 tal-process u nghid li dan jindika l-ispejjez li ghamel ir-rikorrenti biex bena il-hajt fil-proprjeta' tal-intimat. Dan l-ammont kellu jithallas mill-intimat lir-rikorrenti meta l-istess intimat jibni.*" (fol. 61).

rikorrenti fil-proprjeta tieghu kienu jammontaw ghal ammont komplessiv ta' €1508.76 (ara kont datat 10 ta' Gunju, 2011, fol. 16 li fih hemm inkluż l-ammont ta' €1096.40c skond il-kont datat 4 ta' April, 2011, fol. 36). B'hekk gie li r-rikorrenti kellhu jaghti lill-intimat differenza ta' €63.35c. Ir-rikorrenti ma qablux li huma kellhom ihallsu xi ammonti lill-intimati, la l-ewwel ammont ta' €1,508.76c u wisq anqas it-tieni ammont. Baqaw jinsistu fuq l-ammont dovut lilhom ta' €1,455.41. Ghalhekk saret din il-kawza.

8. In sostenn ta' l-argument taghhom li huma ma ghandhom ihallsu xejn lill-intimat ghat-tqattiegh tal-blat u spejjez ohra li saru, huma resqu lill-perit taghhom biex jixhed f'dawn il-proceduri. Il-Perit Teddie Busuttil qal li:

i. "...*mil-lat tekniku nispjega li fic-cirkostanzi kien hemm soluzzjonijiet ohra jekk Azzopardi ma riedx jinzel fil-livell ta' John Pace. Azzopardi seta' kellem lil Pace biex jekk ma kienx tajjeb ghalih il-livell tal-qatran tinstab soluzzjoni ghalih f'dak il-mument. Is-soluzzjoni kienet tkun li Pace jnehhi l-hajt kollu sal-livelli li xtaq izomm Azzopardi. Azzopardi mbaghad kien ikompli bil-bini minn dak il-livell li xtaq hu minghajr ma kien ikun necessarju li jsir xi tqattigh tal-blat jew thamil ulterjuri. Din kienet tkun soluzzjoni aktar semplici u ekonomika minn dik li effettivament ghamel Azzopardi*" (fol. 42) u

ii. "*soluzzjoni teknika ohra biex jigi evitat li jsir xi tqattigh jew tahmil ulterjuri kienet li jsir gandott, titwahhal membrane u jinghata s-siment bejn il-hajt u l-blat u jerga jsir qatran iehor. Dan ix-xoghol kien ikun irid isir minn Pace stess. Din wkoll kienet issolvi l-problema tal-qatran li jkun sar f'livell aktar baxx. Pace seta facilment tqabbad biex isir dan ix-xoghol, liema xoghol kien jigi hafna irhas mit-tqattigh tal-blat kollu*" (fol. 43).

iii. Ghalhekk l-istess perit Busuttil ikkonkludi li galadarba l-intimat qabad u qatta' l-blat u nizel l-isfel iktar biex jikxef il-qatran minghajr ma kellem lir-rikorrenti, huwa effettivament ried jaghmel uzu mill-hajt kif kien bnih ir-rikorrenti. "*Ghalhekk Pace huwa intitolat ghall-hlas tal-appogg fl-intier tieghu*" (fol. 43).

9. L-intimat ressaq lill-Perit Emanuel Vella biex jsostni li huwa kien kostrett li jaghmel dan it-tqattiegh u spejjez addizzjonali. Il-Perit Vella qal li l-kont tieghu datat 10 ta' Gunju, 2011 (fol. 16) fl-ammont ta' €1,508.76 inhadem peress l-intimat kellhu jaghmel dan ix-xoghol. Qal li "*l-qatran tar-rikorrenti kien madwar tlett filati 'l fuq mil-livel tal-blat tal-intimat. Il-kwistjoni kient dwar il-livell tal-garaxxijiet. Nghid illi l-garaxx tar-rikorrenti kien madwar disa' filati 'l isfel mil-livell tat-triq filwaqt li l-intimat ma riedtx jinzel daqshekk u ried jinzel biss sitt filat pero' sabiex ma jintradamx il-qatran l-intimat kellu jaghmel tlett filati qtugh ta' blat żejda"* (fol. 61). L-imsemmi Perit qal ukoll, b'referenza ghall-klawsola numru 2 tal-iskrittura datata 17 ta' Novembru, 1995 in atti Nutar Paul George Pisani li taqra hekk: "*Pace ikun obbligat li jtella a spejjez tieghu, hajt fil-proprjeta ta' Azzopardi, sal-livell tal-blat ta' Plot 37, biex meta Azzopardi jiġi biex jibni l-plot tieghu, hu jkun jista jibni fuqu*", li "*... meta giet redatta l-istess skrittura datata sbatax (17) ta' Novembru elf disgha mija hamsa u disghin (1995) l-intimat ma kienx ghadu cert jekk hux se jaghmel basement jew le. Li kieku l-intimat ma beniex basement allura hu ma kien se jhallas xejn. Gia la darba bena l-basement u l-intimat uza dan l-istess hajt allura huwa ghandu jhallas lir-rikorrenti tieghu*" (fol. 61).

10. Il-Perit Vella qabel ma dak li kien qal il-Perit Busuttil ghar-rigward tal-qlugh tal-hajt meta huwa qal li "*kien hemm soluzzjoni ohra u cioe' dik li ghidt li jinqalew is-sitt filati u li jsir il-qatran minflokk ma jithamlu tlett filati żejda*" (fol. 62). Mistoqsi x'kienet l-irhas soluzzjoni u cioe jekk kienitx dik li ghamel l-intimat jew inkellha dik li kien ghadu kif issuġġerixxa, il-perit wieġeb li "*X'kienet l-irhas alternattiva jien ma stabbilejtx*" (fol. 62).

Ikkunsidra ulterjorment;

11. Jirrizulta li l-intimat ma kienx kellem lir-rikorrenti b'dak li kien ser jaghmel u kif jixhed l-istess Perit Vella (il-perit ta' l-intimat) anke meta kien gie redatt u iffirmat il-ftehim tas-17 ta' Novembru, 1995 *"l-intimat ma kienx ghadu cert jekk hux se jaghmel basement jew le*" (fol. 61).

Jidher allura li r-rikorrenti kien korrett meta bena kif bena u li l-ghazla biex jinbena l-*basement* kienet biss ta' l-intimat u ta' hadd iżjed. Jirrizulta ghalhekk li dan l-izvilupp, l-intimat ghamlu a benefiċċju tieghu u konsegwentement l-ispejjez kollha li huwa ghamel ghamilhom ghal benefiċċju tieghu u konsegwentement ghandu jhallas ghalihom hu u mhux ir-rikorrenti. Dan huwa korrabborat mill-Perit Vella (il-perit ta' l-intimat) meta jghid "*Li kieku l-intimat ma beniex basement allura hu ma kien se jhallas xejn. Gia la darba bena l-basement u l-intimat uza dan l-istess hajt allura huwa ghandu jhallas lir-rikorrenti tieghu*" (fol. 61).

12. Kosnegwentement, il-kontro-talba ta' l-intimat sejra tiġi michuda, filwaqt li t-talba tar-rikorrenti sejra tintlaqa u dan l-ghaliex ma hux kontestat li l-intimat qieghed jaghmel uzu shih mill-hajt li kien bena r-rikorrenti u konsegwentement irid ihallas ghal dan l-uzu ġaladarba dan il-fatt ma ġiex eskluż mill-partijiet meta huma irredigew l-iskrittura datata 17 ta' Novembru, 1995.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeċiedi din il-kawza billi ghar-ragunijiet kollha fuq esposti, filwaqt li qieghed jichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mill-intimat fir-risposta tieghu, qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-istess intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf erba' mija hamsa u hamsin euro u wiehed u erbghin centezmi ta' euro [€1,455.41c], oltre t-taxxa fuq il-valur miżjud talvolta dovuta, flimkien ma l-imghaxijiet kif mitluba.

Ghar-rigward tal-kontro-talba ta' l-intimat, it-Tribunal, ghar-ragunijiet kollha fuq esposti, qieghed jilqa l-eccezzjonijiet tar-rikorrenti u konsegwentement qieghed jichad il-kontro-talba ta' l-intimat.

L-ispejjez kollha huma a karigu ta' l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------